SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 3810

Illum it-Tnejn, 22 ta' Marzu 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Santa Luċija fis-7.00p.m.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

### ASSENTI

Ħadd

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 3710 li saret nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Frar 2010 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-21 ta' Jannar 2010 u t-22 ta' Marzu 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 223/10/O – Direttur Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja u *Budget* 2010
- 391/10/O – LES Kumitat Konġunt – *Green Wardens*
- 354/10/O – MEUSAC – ERDF *Promoting Sustainable Tourism - Expression of Interest*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 184/10/I – Eco Group – *Quotation* SEAP
- 217/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Għajnuna lil Football Nursery Santa Luċija
- 242/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Patt tas-Sindki
- 251/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Inizjattivi fil-Qasam Soċjali
- 280/10/I – Paragon Europe – *Internships*
- 288/10/I – Transport Malta – *Reserved parking bay in* Triq ir-Rand
- 319/10/I – Suzhou Foreign Affairs Office – *Invitation Letter*
- 320/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja u *Budget* 2010
- 349/10/I – Residenta – *Toroq One Way*
- 376/10/I – ETC – Xogħol fil-Komunita'
- 380/10/I – St Benedict College Sta Luċija Girls' Junior Lyceum – *Prize Day* 2010
- 382/10/I – Trasport Malta – *One Way System* in Trejqet iż-Żahar
- 388/10/I – Għaqda Maltija tal-Ortikultura – *The Great Spring Show*
- 384/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Jum Dinji tas-Saħħa 2010
- 399/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Proġett ta' l-*Aerobics*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- *Memo* SLLC 02/2010 – Patt tas-Sindki
- *Memo* SLLC 03/2010 – DVD tal-Kunċert tal-Milied
- *Memo* SLLC 04/2010 – Żjara ta' kortesija lil President

## 3. PUNTI MQAJMA

3.1 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 184/10/I is-Sindku qara ittra ta' rappreżentant ta' Eco Group li kien ġie biex jitfa' kwotazzjoni għal *Sustainable Energy Action Plan* meta kien diġa daqq nofsinhar u l-bieb tal-Kunsill kien diġa magħluq. Il-Kunsill qabel li d-deċiżjoni li ħa fil-laqgħa numru 3610 (21/01/10) hija dik finali.

3.2 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 217/10/I is-Sindku rrefera għall-ittra li kien kiteb il-Kunsill dwar għajnuna lil Football Nursery. Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ser joħorġu linji ta' gwida u direttivi dwar l-implimentazzjoni tal-funzjonijiet il-ġodda elenkati fl-artiklu 33 tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

3.3 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 242/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki ser jiġi ffirmat fi Brussels fl-4 ta' Mejju 2010. Huwa qal li ser ikun preżenti flimkien ma' Sindki oħra ta' Malta li ser jiffirmaw dan il-Patt.

3.4 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 251/10/I ġie deċiż li jsiru avviżi fin-*notice boards* għal min hu nteressat li jipparteċipa fl-inizjattivi fil-qasam soċjali mħabbra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

3.5 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 280/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li Paragon Europe qed toffri li tibgħat studenti barranin jaħdmu fil-Kunsill għal perjodu ta' xaharejn. Bħala kumpens il-Kunsill qed jintalab iħallas għal kors fil-lingwa Ingliża li jiswa €350. Il-Kunsill ma setgħax jilqa' din l-offerta peress li l-liġi ma tippermettix li jsir dan l-*isponsership*.

3.6 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 288/01/I is-Sindku qara ittra ta' Transport Malta dwar *reserved parking bay* li saret fi Triq ir-Rand u li ma kinitx approvata mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lil Malta Transport Centre dwar dan il-każ partikolari.

3.7 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 320/10/I il-Kunsill qabel li jgħati żewġ kotba lil-librerija ta' l-iskola St Benedict College Sta Lucia Girl's Junior Lyceum fl-okkażjoni tal-*Prize Day* ta' l-iskola.

3.8 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 349/10/I u 382/10/I il-Kunsill iddiskuta fit-tul talba ta' residenta biex Triq in-Narċis issir *one way*. Il-Kunsill innota li Transport Malta ukoll kitbet lil Kunsill dwar il-proposta ta' din ir-residenta. Ġie deċiż li ssir proposta ta' *one ways* fin-*neighbourhood one*. Il-Perit tal-Kunsill għandu jiġi mitlub iħejji din il-proposta.

3.9 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 338/10/I il-Kunsill qabel li jipparteċipa f' *The Great Spring Show* organizzat mis-Soċjeta' volontarja Maltija ta' l-Ortikultura.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 376/10/I il-Kunsill qabel li jżomm il-ħaddiema ta' l-ETC assenjati mal-Kunsill u qabel ukoll li jitlob parteċipanti ġodda biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq bankijiet u strutturi oħra ta' l-injam.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 384/10/I il-Kunsill qabel li jieħu sehem li jorganizza attivita' b'konnessjoni mal-Jum Dinji tas-Saħħa 2010. Il-Kunsilliera Caroline Galea ser tieħu ħsieb din l-attivita'.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru ta' referenza 396/10/I is-Sindku nforma li l-Kunsill kien irċieva *draft agreement* biex tiġi devoluta lil Kunsill biċċa art żgħira ħdejn is-sit fejn il-Kunsill għandu l-proġett tal-Community Centre. Il-kera hija dik ta' €50 fis-sena. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex dan il-*lease agreement* jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 399/10/I il-Kunsill iddiskuta proposta tad-Direttur għall-Promozzjoni tas-Saħħa biex isiru *aerobic classes* fil-lokalita'. Il-Kunsill innota li għalkemm m'għandux *premises* fil-magħluq li jissodisfaw il-kriterji mitluba, xorta waħda xtaq jipparteċipa billi joffri l-*open spaces* li hemm fi Ġnien is-Serenita' u l-Picnic Area għal dan il-proġett.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *ERDF – Applikazzjoni għal fondi*

Is-Sindku rrefera għall-*Expression of Interest* li bagħat il-Kunsill fir-rigward t' applikazzjoni għal fondi taħt il-programm ERDF – *Promoting Sustainable Tourism.* Huwa qal li fil-proposta tiegħu l-Kunsill ser ikun qed japplika għal fondi biex jintroduċi *Guide Port System* fi Ġnien is-Serenita' u jiġi nstallat *architectural lighting* f'dan il-ġnien. Huwa qal li l-proġett jinkludi wkoll ir-*resurfacing* tal-Jogging Track b'*acrylic resin system* bl-iskop li nintroduċu *Sports Tourism.* Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill ser ikun qed jaħdem flimkien mal-MEUSAC fuq din il-proposta.

### 4.2 *Servizz ta' Green Warden*

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien informa l-Kumitat Konġunt dwar il-bżonnijiet tas-servizz għal *Green Warden* fil-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li fit-tweġiba tiegħu l-Kunsill semma l-*hot areas* fejn hemm residenti li qed joħorġu l-iskart x'ħin iridu huma.

### 4.3 *Applikazzjoni għal fondi fuq proġett taż-żgħażagħ*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar inizjattiva li qed taħdem fuqha l-Kunsilliera Paulette Gafa` dwar proġett għaż-żgħażagħ taħt il-programm *'Youth in Action'.* Huwa qal li l-Kunsilliera Paulette Gafa` qed tikkordina mal-Comune di Carlentini fuq din l-inizjattiva.

### 4.4 *Data tar-residenti*

Is-Sindku rrefera għal inizjattiva li qed jieħu l-Kunsill biex jiġbor id-*data* tar-residenti ta' Santa Luċija. Huwa ppropona li tintbagħt formola għal kull membru fil-familja biex din tintela u tintbagħt lura lil Kunsill ħalli b'hekk tkun tista' tinġabar id-*data* tar-residenti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.5 *Kuntratt dwar il-bins tal-Bring-in-Sites tal-Wasteserv*

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-Wasteserv biex il-Kunsill, permezz tal-kuntratt li għandu mal-Green Mt, jieħu f'idejh l-immaniġjar tal-*bins* li hemm fiż-żewġ *bring-in-sites* tal-Wasteserv. B'dan il-ftehim il-Kunsill jibda jibbenefika minn dħul mill-iskart separat li jinġabar mill-lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li jidħol fil-ftehim propost mill-Wasteserv.

### *4.6 Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira*

Is-Sindku nforma l-Kunsill bl-aħħar dettalji dwar il-*Pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira li ser isir fil-Jogging Track it-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010. Huwa qal li għal din l-attivita' l-Kunsill ħa ħsieb li jinkera palk, kiri ta' *sound system* u *printing* ta' *posters*.

### *4.7 Konferenza mill-ECAD f' Għawdex*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar konferenza **ECAD XV11 Mayor's Conference** (April 22-24, 2010) li ser tiġi orgainzzata mill-*European Cities Against Drugs* u li ser issir f'Għawdex. Is-Sindku qal li hu dak inhar ser ikun imsiefer għaldaqstant ġie propost li l-Viċi Sindku Joe Balzan u l-Kunsillier Joe Bonello jattendu għal din il-konferenza. Il-Viċi Sindku kellu jinforma l-Kunsill dwar jekk jistgħax jattendi.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV2942 sa numru BOV3053 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Jannar u Frar (CM38(01), CM38(02) u CM38(03)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lill-Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3710.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Frar 2010 Ammont *Gross* € 4836.84

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Nexos Street Lighting Ltd. | Str.Lighting | 20088587 | 649.00 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | Str.Lighting | 2008550 | 1165.13 |
| ELC Ltd. | PKG57 | *Serv.for Jan.*10 | 2061.50 |
| ELC Ltd. | PKG57 | *Serv.for Feb.*10 | 2061.50 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Serv.for Jan.*10 | 507.73 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | *Serv. for Feb.*10 | 458.60 |
| Twanny Barun | (BR)57/09/03 | *Serv.for Jan.*10 | 138.60 |
| Twanny Barun | (BR)57/09/03 | *Serv.for Feb.*10 | 152.00 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | *Serv.for Jan.*10 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | *Serv.for Feb.*10 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | *Serv.for Jan.*10 | 2439.60 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | *Serv.for Feb.*10 | 2294.22 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | *Job Sheet* 8287 *Bill* 12462 | 192.32 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sgns/Mkgs | 12500 *Job sheet* 9397 | 16.38 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | *Council mobile Jan.*10 | 65.41 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | *Council mobile-line* PABX-*Jan* 10 | 72.21 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | *Council mobile* – *Jan*.10 | 122.94 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311653 | *Council mobile* – *rent* –*Mar*.10 | 80.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | *Council mobile* – *Feb*.10 | 33.89 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | *Council mobile line* PABX-*Feb*10 | 70.79 |

## 6. SEAP – LOKALITA` SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill iddiskuta l-offerta li ntefgħat fir-rigward tas-sejħa għal kwotazzjonijiet (SLLC Q(57/10/01) li kien ħareġ il-Kunsill u li għaliha ntefgħat offert waħda dik ta' Econing Consultancy. Fl-offerta tagħha din il-kumpanija offriet li tipprepara *Sustainable Energy Action Plan* (SEAP) għal-lokalita' ta' Santa Luċija sat-22 ta' Ġunju 2010 għar-rata ta' €3700. Is-Sindku qal li ma' l-iffirmar tal-*Convenant of Mayors* il-Kunsill huwa *committed* li jnaqqas is-$CO_2$ *emissions* b' 20% sas-sena 2020. Il-Kunsill qabel li tinħareġ *letter of acceptance* ħalli l-kuntrattur ikun jista' jibda jaħdem fuq din l-inizjattiva.

## 7. BUDGET 2010

Il-Kunsill approva l-*budget* għas-sena finanzjarja 2010. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku rrefera għall-ittra (ref: 223/10/O) li kiteb il-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja li ħa l-Kunsill din is-sena. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni li ż-żieda li ħa l-Kunsill fl-allokazzjoni ta' din is-sena ma kienetx tirrifletti r-responsabilitajiet finanzjarji li ġew imposti fuq il-Kunsill minn din is-sena. Huwa qal li l-Kunsill qed isibha diffiċli biex ikopri r-*running costs*. Għaldaqstant inħass il-bżonn li d-Dipartiment ikun infurmat b'din is-sitwazzjoni. Fit-tweġiba tiegħu d-Dipartiment qal li nnota l-ilment tal-Kunsill u qal ukoll li l-Kunsill jista' japplika għal finanzjament addizzjonali permezz ta' skemi li joħorġu fl-2010.

## 8. BUSINESS PLAN

Il-Kunsill iddiskuta l-*Business Plan* li jkopri l-perjodu 2010-2012. Il-Viċi Sindku kummenta li kien jistenna li l-*Business Plan* jinkludi wkoll *resurfacing* ta' toroq fosthom Triq il-Ġnien. Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li x-xogħolijiet jiġu ppjanati skond kemm jippermettu l-finanzi tal-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk tiġi fis-seħħ l-iskema tal-*Private Public Partnership* il-Kunsill jikkunsidra jekk din tkunx sostenibbli għal Kunsill umbgħad ikun jista' jwettaq xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-*Business Plan* dejjem tista' tiġi emendata skond il-bżonn.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Major Patching fi Triq il- Lellux*

Il-Kunsill qabel li jiġi ordnat *major patching works* fi Triq il-Lellux biex issir manutenzjoni ta' dik il-parti tat-triq li tmiss mal-bankina l-ġdida li għada kif tlestiet. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ta' *patching* hemm bżonn li jsir peress li djieqet il-bankina.

### 9.2 *Road Humps fi Triq il-Begonja*

Il-Kunsill qabel li jinħareġ *works order* biex isiru *road humps* fi Triq il-Begonja. Is-Sindku għandu jimmarka eżett fejn hemm bżonn li jsiru dawn ir-*road humps.*

### 9.2 *Masġar Karl Chircop*

Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza mill-Mepa dwar l-applikazzjoni PA4363 dwar il-proposta ta' żvilupp fl-*area* tal-Masġar Karl Chircop. Is-Sindku qal li saru xi modifiki f'din l-applikazzjoni iżda jidher li għad hemm xi problemi li jridu jiġu ndirizzati. Is-Sindku qal li l-Mepa qed tgħid li peress li din hija ODZ *site*, f' wied protett, kull intervent għandu jkun limitat kemm jista' jkun. Is-Sindku rrimarka li l-Mepa tajjeb tkun taf li kien il-Kunsill li għamel dan il-post kif inhu llum għax qabel kien jintuża bħala miżbla.

### 9.3 *Ipoġew fi Triq il-Lellux*

Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Mepa dwar is-Sit Arkeoloġiku u nforma l-Kunsill li l-Mepa qed titlob *method statement* biex tkun tista' tipproċedi. Huwa qal li nġiebet kwotazzjoni li tkopri l-ispiża nvoluta biex jiġi mħejji *method statement.* Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma sa massimu ta' €1400 + VAT. Il-Kunsill qabel li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet u l-perit għandu jitlob estenzjoni taż-żmien rikjest mill-Mepa.

### *9.4 Xogħolijiet ta' Upgrading ta' Bankini*

Il-Kunsill iddiskuta x-xogħolijiet fuq bankini li saru din is-sena. Ġie deċiż li l-perit għandu jintalab ilesti *certifications* ta' dan ix-xogħol u jinġabru l-kontijiet qabel isiru aktar bankini.

### *9.5 Proposti ta' Traffic Calmers fi Triq il-Peprin*

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul żewġ miżuri li ħejja l-perit dwar kif tista' tiġi ndirizzata l-problema ta' *overspeeding* fi Triq il-Peprin. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiltaqa' mal-perit biex jitlob aktar kjarifiki fuq dawn iż-żewġ proposti.

### 9.6 *Dawl Ġdid tat-Toroq*

Il-Kunsill iddiskuta talbiet għall-installazzjoni ta' dawl ġdid fit-toroq. Filfatt ġie propost li jsir dawl ġdid fi Triq iż-Żnuber, fi Triq il-Kaħwiela u fejn il-Boċċi Club fi Vjal l-Oleandri. Għandu jsir *site meeting* fil-għaxija qabel il-Kunsill japprova dawn it-talbiet.

## 10. TMIEM

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 20 ta' April 2010 fis-6.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TLIETA,
20 **ta'** APRIL **2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**